

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2018/1151 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-2 ta' Awwissu 2018

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2011/23 dwar ir-reqwiziti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2018/19)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b' mod partikolari l-Artikolu 3.1, 3.3, 5.1, 12.1, 14.3 u 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex iwieġeb għal ħtiġijiet analitiċi li dejjem qegħdin jiżdienu għal finijiet ta' politika monetarja u stabbiltà finanzjarja li jirriżultaw mill-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi, il-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni (eż inġinerija finanzjarja u żieda fil-komplessità ta' ditti multinazzjonali), u l-istatistika dwar l-innovazzjoni finanzjarja, il-bilanċ tal-pagamenti trimestrali u l-pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali trid tissaħħaħ aktar. Barra minn dan, hija meħtieġa integrazzjoni ulterjuri bejn l-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti trimestrali u l-pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali u l-kontijiet nazzjoanli (inkluż settorjali).
- (2) Is-settur korporattiv mhux finanzjarju huwa importanti ħafna ekonomikament, iżda għadu mhuwiex kopert separatament fil-Linja Gwida BĊE/2011/23 ⁽²⁾. Barra minn dan, l-importanza tas-subsettori individwali ta' istituzzjonijiet finanzjarji u mhux monetarji (non-MFIs) għall-finanzjament tal-ekonomija għadha qed tikber, u dan iżid l-importanza tal-ġbir ta' informazzjoni bħal din għall-finijiet tat-trasparenza u biex tissaħħaħ l-analiżi ekonomika u finanzjarja.
- (3) Ir-riskji tar-rata tal-kambju u l-iżbilanċi tal-munita huma dejjem aktar rilevanti fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-integrazzjoni finanzjarja, kif identifikar mill-G20 fil-kuntest tal-inizjattiva tagħha għal-lakuni fid-dejta. Bħala l-ewwel pass lejn komprensioni aħjar ta' dawn ir-riskji, u biex jintefa' aktar dawli fuq kif tiżviluppa l-importanza relattiva ta' muniti ewlenin, informazzjoni komprensiva dwar il-munita ta-denominazzjoni ta' pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali għandha tiġi rrapportata fuq bażi trimestrali.
- (4) Għal analiżi bilaterali bir-reqqa tat-tranżazzjonijiet u l-pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali taż-żona tal-euro fil-konfront tas-sħab kummerċjali ewlenin, huwa meħtieġ titjib fid-dettal ġeografiku sabiex il-pajjiżi kollha tal-G-20 ikunu identifikati b' mod individwali. Barra minn dan, konsiderazzjonijiet dwar il-kwalità tad-dejta, jiġifieri analiżi tal-asimmetriji bilaterali, jenħtieġu l-ġbir ta' dejta trimestrali fuq tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet bilaterali bejn l-Istati Membri kollha.
- (5) Il-konsistenza bejn il-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika dwar il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali fuq naħa u l-istatistika dwar il-kontijiet nazzjoanli (inkluż settorjali) fuq in-naħa l-oħra hija ta' importanza fundamentali fl-isforzi biex tittejjeb il-kwalità tad-dejta. Il-metodoloġiji sottostanti għall-kumpilazzjoni ta' dawn iż-żewġ settijiet ta' dejta huma identiċi; b'hekk id-dejta miż-żewġ setturi hija ta' spiss ikombinata għal finijiet analitiċi. Huwa għaldaqstant importanti illi jkun hemm biżżejjed dettal disponibbli skont it-tip tal-istrument, fil-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika dwar il-pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali sabiex tkun possibbli kombinazzjoni preċiża taż-żewġ settijiet ta' dejta.
- (6) Il-kumpilazzjoni u r-rilaxx ta' aggregati taż-żona tal-euro għar-reqwiziti tad-dejta ġodda kollha għandhom ikunu akkumpanjati minn rilaxx komprensiv tas-settijiet ta' dejta nazzjoanli rispettivi sabiex tkun permessa analiżi sinifikanti bejn il-pajjiżi ta' din l-informazzjoni. Settijiet ta' dejta nazzjoanli li ser ikunu ppubblikati m'għandhomx ikun fihom tagħrif statistiku kunfidenzjali skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98.

⁽¹⁾ ĠUL 318, 27.11.1998, p. 8.

⁽²⁾ Linja Gwida 2012/120/UE tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-reqwiziti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2011/23) (ĠUL 65, 3.3.2012, p. 1).

- (7) Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għat-tnejn għat-tibdil neċessarju għall-metodi ta' kumpilazzjoni tal-istatistika nazzjonali, il-banek ċentrali nazzjonali li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Marzu 2021.
- (8) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2011/23 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida BĊE/2011/23 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, il-punt 17 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“(17) ‘settijiet ta’ dejta nazzjonali pubblikabbli’ tfisser is-serje nazzjonali identifikata fil-kolonni taħt il-kliem ‘subsett pubblikabbli’ fit-Tabelli 2 u 4 tal-Anness II, li huma subsettijiet tad-dejta ppreżentata fil-kolonni rimanenti tat-Tabelli rispettivi, u li mhumiex tagħrif statistiku kunfidenzjali skont ir-Regolament (KE) Nru 2533/98.”;

2. Fl-Artikolu 2, jitħassar il-paragrafu 1a;

3. fl-Artikolu 3a, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'li ġej:

“1. Il-BĊE għandu jibgħat lill-BĊNi l-aggregati taż-żona tal-euro illi jippubblika, kif ukoll is-settijiet ta' dejta nazzjonali pubblikabbli.”;

4. L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-kompiti ta' monitoraġġ tal-BĊE kif stipulati fl-Anness V, il-BĊNi għandhom, b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti l-oħra kif imsemmi fl-Artikolu 4 meta xieraq, jiżguraw li ssir sorveljanza u evalwazzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni statistika li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE. Il-BĊE jevalwa din id-dejta b'mod simili u f'waqtu. Il-Bord Eżekuttiv għandu jirrapporta ta' kull sena lill-Kunsill Governattiv dwar il-kwalità tad-dejta u jagħmel dwn ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.”

- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Meta d-dejta għal partita fit-Tabelli 1 sa 5 tal-Anness II tkun ta' daqs negliġibbli jew insinifikanti għall-istatistika taż-żona tal-euro u dik nazzjonali, jew id-dejta għal dik il-partita ma tkunx tista' tinġabar bi spiża raġonevoli, għandhom jitħallew isiru l-aħjar estimi bbażati fuq metodoloġiji statistiċi sodi kemm-il darba ma jiġix kompromess il-valur analitiku tal-istatistika. Barra minn hekk, għandhom jitħallew isiru l-aħjar estimi għar-rendikonti li ġejjin fit-Tabelli 1, 2, 4 u 6 tal-Anness II:

- (a) subpartiti ta' dħul primarju fuq investment dirett u investment ieħor;
- (b) subpartiti ta' dħul primarju ieħor u ta' dħul sekondarju;
- (c) subpartiti ta' trasferimenti kapitali fil-kont kapitali;
- (d) rendikont ġeografiku ta' obligazzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji;
- (e) krediti fuq dħul investit mill-ġdid fuq ishma ta' fondi ta' investment mingħajr kodiċi ISIN;
- (f) krediti ta' dħul ta' investment fuq ishma ta' fondi ta' investment b'kodiċi ISIN (sakemm is-CSDB jitqies xieraq għad-derivazzjoni xierqa ta' din il-partita);
- (g) rendikont ta' konsenji transkonfinali ta' karti tal-flus skont id-denominazzjoni;
- (h) rendikont tas-settur ta' tranżazzjonijiet u l-pożizzjonijiet fil-munita ud-depożiti (assi) ta' 'setturi oħra';
- (i) rendikont tal-pożizzjonijiet ta' investment internazzjonali skont il-munita tad-denominazzjoni u l-maturità residwa.”.

5. L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2***Effettività u implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
2. Il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-1 ta' Marzu 2021.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX

L-Annessi I u II tal-Linja ta' Gwida BĊE/2011/23 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Sezzjoni 1 hija mibdula b'li ġej:

"1. Statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jeħtieġ statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti f' żewġ frekwenzi: ta' kull xahar u trimestrali fir-rigward tal-perijodi tal-kalendarju referenzjarji korrispondenti. Id-dejta annwali tiġi kkompilata billi tiġi magħduda flimkien id-dejta trimestrali rapportata mill-Istati Membri għas-sena korrispondenti. Safejn huwa possibbli, l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti għandha tkun konsistenti ma' statistika oħra fornita għat-tmexxija tal-politika monetarja, b'mod partikolari kontinwazzjoni (inkluż settorjali) trimestrali u l-istatistika monetarja u bankarja ta' kull xahar.

1.1. Statistika ta' kull xahar tal-bilanċ tal-pagamenti

Għan

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar taż-żona euro huwa sabiex jintwerew l-elementi ewlenin li jaffettwaw l-kondizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju (ara l-Anness II, Tabella 1).

Rekwiżiti

Huwa essenzjali li d-dejta tkun adattata sabiex tintuża fil-kalkolu tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro.

Minħabba t-terminu ta' skadenza qasir għall-forniment tad-dejta ta' kull xahar dwar il-bilanċ tal-pagamenti, in-natura ferm aggregata tagħhom u l-użu tagħhom għal skopijiet tal-politika monetarja u operazzjonijiet tal-kambju barrani, il-BĊE jippermetti xi devjazzjoni mill-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4)), fejn dan ma jistax jiġi evitat. M'huwiex meħtieġ li jsir rapportaġġ fuq il-bażi ta' dovuti jew transazzjonijiet sħaħ. Fejn huwa neċċessarju li jiġi osservat terminu ta' skadenza, il-BĊE ser jaċċetta estimi jew dejta preliminari, sakemm dawn ma jiddevjawx b'mod sinifikanti minn standards internazzjonali u jiżguraw kwalità ta' dejta suffiċjenti.

Dak li huwa meħtieġ għal kull kategorija wiesgħa ta' transazzjonijiet huwa l-assi u l-obbligazzjonijiet (jew krediti u debiti għal partiti ta' kont kurrenti). B'mod ġenerali dan jeħtieġ li l-BĊNi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' transazzjonijiet internazzjonali, jiddistingwi bejn transazzjonijiet ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro u transazzjonijiet barra ż-żona tal-euro. Il-BĊNi jagħmlu dan b'mod konsistenti.

Meta s-sħubija taż-żona tal-euro tinbidel, il-BĊNi jkunu meħtieġa li jimplimentaw il-bidla fid-definizzjoni talkompożizzjoni ta' pajjiżi taż-żona tal-euro mid-data meta tidħol fis-seħħ il-bidla fis-sħubija. L-aħjar estimi tad-dejta storika li tkopri ż-żona tal-euro mkabbra tintalab mingħand il-BĊNi taż-żona tal-euro kif kienet komposta qabel u mill-BĊNi tal-Istati Membri l-ġodda taż-żona tal-euro.

Sabiex tkun tista' ssir aggregazzjoni bis-sens tad-data li relatata maż-żona euro fuq bażi ta' kull xahar fil-qasam tal-investment tal-portafol, hija meħtieġa distinzjoni bejn transazzjonijiet f'titoli maħruġa minn residenti taż-żona euro u transazzjonijiet f'titoli maħruġa minn non-residenti taż-żona euro. L-istatistika dwar tranżazzjonijiet netti f'assi ta' investment ta' portafol taż-żona tal-euro jiġu kkompilati permezz ta' aggregazzjoni tat-tranżazzjonijiet netti rapportati f'titoli maħruġa minn non-residenti taż-żona tal-euro. Statistiċi dwar tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet ta' portafolji ta' investment taż-żona tal-euro jiġu kkompilati permezz ta' konsolidazzjoni ta' tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet nazzjonali u tranżazzjonijiet netti totali f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Għar-rigward tad-dħul minn portafolji ta' investment, jintużaw rekwiżiti ta' rapportar u metodu ta' kumpilazzjoni analogi għad-dejta aggregata.

Bil-għan li tiġi kkompilata l-preżentazzjoni monetarja tal-bilanċ tal-pagamenti, il-BĊNi huma mitluba jippreżentaw id-dejta mqassma skont is-settur istituzzjonali. Għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar ir-rendikont settorjali huwa dak li ġej:

— għall-investment dirett: (a) korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (b) fondi tas-suq tal-flus; (c) gvern ġenerali; (d) setturi oħrajn,

— għal assi ta' investiment ta' portafoll u investimenti oħrajn: (a) il-bank ċentrali; (b) korporazzjonijiet li jieħdu d-depożiti ħlief għall-bank ċentrali; (c) fondi tas-suq tal-flus; (d) gvern ġenerali; (e) setturi oħrajn.

Bil-għan li jiġi kumpilat tqassim settorali tal-bilanċ tal-pagamenti, b'hekk li tkun tista' ssir kostruzzjoni ta' preżentazzjoni monetarja, il-BĊN huma meħtieġa jipprovdur dejta dwar tranżazzjonijiet netti f'titoli ta' investiment ta' portafoll maħruġa minn residenti taż-żona tal-euro mqassma skont is-settur istituzzjonali li għalih jappartjeni l-emittent. Barra minn hekk, l-obbligazzjonijiet tal-investiment ta' portafoll għandhom jinkludu rendikont skont is-settur istituzzjonali tal-emittent domestiku.

L-istatistika dwar it-transazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet ta' investiment ta' portafoll fiż-żona tal-euro mqassma skont is-settur huma mbagħad ikkumpilati permezz ta' konsolidazzjoni tal-obbligazzjonijiet nazzjonali netti totali tas-setturi rispettivi u t-transazzjonijiet netti korrispondenti f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Il-BĊNi (u awtoritajiet kompetenti oħrajn fejn xieraq) jiġbru dejta dwar investimenti f'portafolji skont wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

1.2. Statistika trimestrali tal-bilanċ tal-pagamenti

Għan

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali taż-żona tal-euro huwa li jagħti informazzjoni aktar iddettaljata sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri ta' tranżazzjonijiet internazzjonali. Dejta tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali hija l-bażi wkoll għal monitoraġġ ekonomiku dettaljat tal-pajjiż.

Din l-istatistika tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet settorjali u finanzjarji taż-żona tal-euro u għall-pubblikazzjoni konġunta tal-bilanċ tal-pagamenti tal-UE/żona tal-euro b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

Rekwiżiti

L-istatistika trimestrali tal-bilanċ tal-pagamenti tikkonforma kemm jista' jkun mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4)). Ir-rendikont meħtieġ tal-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali huwa ppreżentat fl-Anness II, Tabella 2. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati użati fil-kontijiet tal-kapital u finanzjarji huma stabbiliti fl-Anness III.

Ir-rendikont tal-kont kurrenti trimestrali huwa simili għal dak meħtieġ għaċ-ċifri ta' kull xahar. Madankollu, għas-servizzi u għad-dħul huwa meħtieġ rendikont aktar iddettaljat fuq bażi trimestrali.

Fil-kont finanzjarju, il-BĊE jsegwi r-rekwiżiti tas-sitt edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Ħlasijiet u tal-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (iktar 'il quddiem imsejjaħ il-"BPM6") għall-partita "investiment ieħor". Hemm differenza fil-preżentazzjoni tar-rendikont (i.e. is-settur bħala l-ewwel prijorità). Dan ir-rendikont settorjali huwa aktar dettaljat iżda jibqa' madankollu kumpatibbli mar-rendikont tal-BPM6 meta l-istrumenti jkollhom prijorità. Bħal fil-preżentazzjoni tal-BPM6, il-munita u d-depożiti huma distinti mis-self u investimenti oħrajn.

Il-BĊNi huma mitluba jiddistingwu bejn tranżazzjonijiet ma' Stati Membri taż-żona tal-euro u t-tranżazzjonijiet internazzjonali l-oħrajn kollha. L-istatistika dwar tranżazzjonijiet netti f'assi ta' investiment ta' portafoll taż-żona tal-euro tiġi kkumpilata permezz ta' aggregazzjoni tat-tranżazzjonijiet netti rapportati f'titoli maħruġa minn non-residenti taż-żona tal-euro. Statistika dwar tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet ta' investiment f'portafoll taż-żona tal-euro jiġu kkumpilati permezz ta' konsolidazzjoni tat-tranżazzjonijiet netti f'obbligazzjonijiet nazzjonali u tranżazzjonijiet netti totali f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Jiġu applikati rekwiżiti ta' rapportar u metodu ta' kumpilazzjoni td-dejta aggregata analogi fir-rigward tad-dħul minn investiment f'portafoll.

Il-BĊNi huma mitlubin ukoll jippreżentaw dejta trimestrali mqassma skont is-settur istituzzjonali. Dan ir-rekwiżit tad-dejta jeċċedi l-komponenti standard tal-FMI. Ir-rekwiżiti tas-settur illi għandhom jippreżentaw il-BĊNi huma kif ġej: (a) banek ċentrali; (b) korporazzjonijiet illi jieħdu d-depożiti, minbarra l-banek ċentrali; (c) fondi tas-suq tal-flus; (d) gvern ġenerali; (e) fondi ta' investiment li mhumiex tas-suq tal-flus; (f) korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni; (g) istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn; (h) korporazzjonijiet mhux finanzjarji; u (i) unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma jagħmlux qliegħ li jservu l-unitajiet domestiċi.

Għall-kompilazzjoni tal-istatistika dwar tranżazzjonijiet netti fiż-żona tal-euro f'obbligazzjonijiet ta' investiment f'portafoll skont is-settur ta' emittenti li huma residenti fiż-żona tal-euro, ir-rekwiżiti għal dejta trimestrali huma simili għal dawk għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar.

B'mod konformi mas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-BPM6 jirrakkomanda li l-imgħax għandu jiġi rreġistrat fuq bażi ta' dovuti. Dan ir-rekwiżit jaffettwa l-kont kurrenti (dħul minn investiment) kif ukoll il-kont finanzjarju.”;

(b) Sezzjoni 3 hija mibdula b'li ġejj:

“3. Statistika dwar il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali

L-għan

Il-pożizzjoni ta' investment internazzjonali hija dikjarazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet esterni taż-żona tal-euro fit-totalità tagħha, għall-finijiet tal-analiżi tal-politika monetarja u tas-suq tal-kambju. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltà esterna tal-Istati membri u sabiex jiġu ssorveljati l-iżviluppi tal-investimenti f'assi likwidi barra mill-pajjiż mis-settur li għandu investimenti fi flus. Dan it-tagħrif statistiku huwa fundamentali għall-kumpilazzjoni tal-kont tal-kumplement tad-dinja fil-kontijiet finanzjarji trimestrali taż-żona tal-euro. Statistika trimestrali dwar il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali hija wkoll il-bażi għal monitoraġġekonomiku dettaljat tal-pajjiż, inkluż fil-kuntest tal-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi tal-Kummissjoni Ewropea (*).

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jipprovdu statistika dwar il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali fuq bażi trimestrali fir-rigward tal-livelli tal-istokks fit-tmiem tal-perijodu u evalwazzjonijiet mill-ġdid dovuti għar-rata tal-kambju jew bidliet oħrajn fil-prezz.

Id-dejta dwar il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali għandha tikkonforma sfejn possibbli mal-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(4)). Il-BĊE jiġbor il-pożizzjoni ta' investment internazzjonali għaż-żona tal-euro kollha. Ir-rendikont tal-pożizzjoni tal-investment internazzjonali għaż-żona tal-euro hija ppreżentata fl-Anness II, Tabella 4.

Il-pożizzjoni ta' investment internazzjonali turi l-istokks finanzjarji fit-tmiem tal-perijodu ta' referenza, stmata bi prezzijiet tat-tmiem tal-perijodu. Il-bidliet fil-valur tal-istokks jstgħu jkunu dovuti għall-fatturi li ġejjin. Fl-ewwel lok, parti mill-bidla fil-valur matul il-perijodu ta' referenza tista' tkun dovuta għat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jkunu seħħu u li jkunu ġew imniżżla fil-bilanċ tal-pagamenti. Fit-tieni lok, parti mill-bidliet fil-pożizzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem ta' perijodu partikolari jkunu kkawżati minn bidliet fil-prezzijiet tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji murija. Fit-tielet lok, f'każ li l-istokks ikunu denominati f'muniti differenti mill-unità tal-kont użata għall-pożizzjoni tal-investment internazzjonali, bidliet fir-rati tal-kambju fil-konfront ta' muniti oħrajn ser jeffettwaw ukoll il-valuri. Fl-aħħar nett, kull bidla oħra li ma tkunx dovuta għall-fatturi hawn fuq imsemmija jitqiesu li huma dovuti għal bidliet fil-volum matul il-perijodu.

Rikonċiljazzjoni kif suppost bejn il-flussi u l-pożizzjonijiet finanzjarji taż-żona tal-euro teħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-bidliet fil-valur dovuti minħabba l-prezz u bidliet oħra fir-rati tal-kambju u bidliet fil-volum oħrajn.

Il-kopertura tal-pożizzjoni ta' investment internazzjonali għandha tkun kemm jista' jkun qrib dik għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali. Il-kunċetti, id-definizzjonijiet u r-rendikonti huma konformi ma' dawk użati għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali.

Safejn huwa possibbli, id-dejta dwar il-pożizzjoni ta' investment internazzjonali għandha tkun konsistenti ma' statistika oħra, b'mod partikolari l-istatistika monetarja u bankarja u kontijiet finanzjarji

Fir-rigward tal-bilanċ ta' pagamenti ta' kull xahar u trimestrali, il-BĊNi huma meħtieġa li jagħmlu distinzjoni fl-istatistika tagħhom tal-pożizzjoni ta' investment internazzjonali bejn investimenti fil-konfront ta' Stati Membri taż-żona tal-euro u l-pożizzjonijiet internazzjonali l-oħrajn kollha. Fil-kontijiet ta' investment f'portafoll, għandha ssir distinzjoni bejn investimenti f'titoli maħruġa minn residenti taż-żona tal-euro u dawk f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti taż-żona tal-euro. L-istatistika dwar l-assi f'investment f'portafoll taż-żona tal-euro tiġi kkompilata permezz ta' aggregazzjoni tal-assi f'titoli rrapportati u maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona tal-euro. L-istatistika dwar l-obbligazzjonijiet f'investment f'portafoll taż-żona tal-euro tiġi kkompilata permezz ta' konsolidazzjoni tal-obbligazzjonijiet nazzjonali kollha u tal-investimenti f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona tal-euro.

Assi u obbligazzjonijiet ta' investment f'portafoll fi ħdan il-pożizzjoni tal-investment internazzjonali huma kkompilati għal kollox mid-dejta dwar l-istokk.

Il-BĊNi (u awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-istatistika fejn xieraq) jiġbru, bħala minimu, stokks trimestrali ta' investment f'portafoll ta' assi u obbligazzjonijiet fuq il-bażi ta' titolu b'titolu skont wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

(*) Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8) u r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).”;

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tabella 2 hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 2
Bilanċ tal-pagamenti trimestrali

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabbli	
			Kreditu	Debitu
1. Kont kurrenti ⁽¹⁾	Ġeo 4d ⁽²⁾	Ġeo 1	Ġeo 4d	Ġeo 1
Oġġetti	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 4d	Ġeo 4d
Merkanzija ġenerali fuq bażi ta' bilanċ ta' pagamenti	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Esportazzjonijiet netti ta' prodotti permezz ta' merchanting	Ġeo 3		Ġeo 1	
Prodotti akkwistati permezz ta' merchanting (kreditu negattiv)	Ġeo 3			
Prodotti mibjugħa permezz ta' merchanting	Ġeo 3			
Deheb mhux monetarju	Ġeo 3	Ġeo 3		
Markar – aġġustament ta' kummerċ kważi-tranżitu	Ġeo 4	Ġeo 4		
Servizzi	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 4d	Ġeo 4d
Servizzi ta' manifattura fuq inputs fiżiċi li huma proprjetà ta' ħaddieħor	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija mhux inklużi band'oħra (n.i.e.)	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Trasport	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Vjaġġar	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Kostruzzjoni	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi ta' assigurazzjoni u pensjoni	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi finanzjarji	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi li għalihom jintalbu hłasijiet espliċiti u servizzi finanzjarji oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Servizzi finanzjarji intermedjarji mkejla b'mod indirett (FISIM)	Ġeo 3	Ġeo 3		

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabli	
			Kreditu	Debitu
Ħlasijiet għall-użu ta' proprjetà intellettuali n.i.e.	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, tal-kompjuter u tal-informazzjoni	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi oħra ta' negozju	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Servizzi ta' riċerka u żvilupp	Ġeo 3	Ġeo 3		
Servizzi ta' konsulenza professjonali u ta' ġestjoni	Ġeo 3	Ġeo 3		
Servizzi tekniċi, relatati mal-kummerċ, u servizzi ta' negozju oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Servizzi personali, kulturali u rikreattivi	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Prodotti u servizzi tal-gvern n.i.e.	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Dħul primarju	Ġeo 4d	Ġeo 1	Ġeo 4d	Ġeo 1
Kumpens tal-impjegati	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Dħul mill-investiment	Ġeo 4d	Ġeo 1	Ġeo 4d	Ġeo 1
Skont is-settur tar-resident (Sec 2d) ⁽³⁾	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Investiment dirett	Ġeo 4d	Ġeo 4d	Ġeo 4d	Ġeo 4d
Ekwità (dividendi u qliegħ investit mill-ġdid)	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
F'impriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3		
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3		
Bejn impriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Li minnhom: qliegħ investit mill-ġdid	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Strumenti ta' dejn	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
F'impriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3		

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabli	
			Kreditu	Debitu
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3		
Bejn impriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3		
<i>li minnhom: imgħax qabel l-allokkazzjoni FISIM</i>	Ġeo 3	Ġeo 3		
<i>li minnhom: imgħax</i>	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Investiment tal-portafoll	Ġeo 4d	Ġeo 1	Ġeo 4d	Ġeo 1
Ekwià u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 1
Titoli ta' ekwià	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Dividendi				
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1		
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2			
Ishma ta' fond ta' investiment	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Dividendi				
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1		
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2			
Qligħ investit mill-ġdid				
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1		
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2			
Titoli ta' dejn	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 1
Żmien qasir	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 1
Imgħax				
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1		

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabli	
			Kreditu	Debitu
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2			
Żmien twil	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 1
Imgħax				
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1		
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Sec2)	Ġeo 2			
Investiment ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 4d	Ġeo 4d
Prelevamenti minn dħul ta' kważi korporazzjonijiet	Ġeo 3	Ġeo 3		
Imgħax	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Li minnhom: imgħax fuq drittijiet speċjali ta' prelevament (SDRs)		Ġeo 1		
<i>li minnhom: imgħax qabel l-allokkazzjoni FISIM</i>	Ġeo 3	Ġeo 3		
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Dħul mill-investiment attribwibbli lil sidien ta' polza fl-assigurazzjoni, skemi ta' pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati	Ġeo 3	Ġeo 3		
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		
Assi ta' riżerva	Ġeo 3		Ġeo 1	
<i>li minnhom: imgħax</i>	Ġeo 3			
Dħul primarju ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
Gvern ġenerali	Ġeo 3	Ġeo 3		
Taxxi fuq il-produzzjoni u fuq l-importazzjonijiet	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Taxxi fuq prodotti	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabli	
			Kreditu	Debitu
Sussidji	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Sussidji fuq il-prodotti	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Kirjiet	Ġeo 3	Ġeo 3		
Setturi oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Taxxi fuq il-produzzjoni u fuq l-importazzjonijiet	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Taxxi fuq prodotti	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Taxxi oħrajn fuq il-produzzjoni	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Sussidji	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Sussidji fuq il-prodotti	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Sussidji oħrajn fuq il-produzzjoni	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Kirjiet	Ġeo 3	Ġeo 3		
Dħul sekondarju	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 2	Ġeo 2
Gvern ġenerali	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ.	Ġeo 3			
Kontribuzzjonijiet soċjali	Ġeo 3			
Benefiċċji soċjali		Ġeo 3		
Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti	Ġeo 3, UIs	Ġeo 3, UIs		
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	Ġeo 3	Ġeo 3		
Taxxa fuq il-valur miżjud u riżorsi proprji tal-Unjoni bbażati fuq id-dħul gross nazzjonali		Istituzzjonijiet tal-Unjoni		
Setturi oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Taxxi kurrenti fuq id-dħul, il-ġid eċċ.		Ġeo 3		

	Kreditu	Debitu	Subsett pubblikabli	
			Kreditu	Debitu
Kontribuzzjonijiet soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3		
Benefiċċji soċjali	Ġeo 3	Ġeo 3		
Primjums tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja netti	Ġeo 3	Ġeo 3		
Pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja	Ġeo 3	Ġeo 3		
Trasferimenti kurrenti mixxellanji	Ġeo 3	Ġeo 3		
Li minnhom: trasferimenti personali (bejn unitajiet domestiċi residenti u mhux residenti)	Ġeo 3	Ġeo 3		
Li minnhom: ħlasijiet għall-ħaddiema	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 1	Ġeo 1
Aġġustament għal bidla fid-drittijiet tal-pensjoni	Ġeo 3	Ġeo 3		
2. Kont tal-kapital	Ġeo 4	Ġeo 4	Ġeo 4d	Ġeo 4d
Akkwisti/ċessjonijiet grossi ta' assi finanzjarji mhux prodotti	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Trasferimenti ta' kapital	Ġeo 3	Ġeo 3	Ġeo 1	Ġeo 1
Gvern ġenerali	Ġeo 3	Ġeo 3		
Taxxi kapitali	Ġeo 3			
Għotjiet ta' investiment	Ġeo 3	Ġeo 3		
Trasferimenti kapitali oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Li minnhom: maħfra tad-dejn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Setturi oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Taxxi kapitali		Ġeo 3		
Għotjiet ta' investiment	Ġeo 3			
Trasferimenti kapitali oħrajn	Ġeo 3	Ġeo 3		
Li minnhom: maħfra tad-dejn	Ġeo 3	Ġeo 3		

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett	Subsett pubblikabbli		
				Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
3. Kont finanzjarju	Ġeo 2 (*)	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 2 (*)	Ġeo 1	Ġeo 1
Investiment dirett	Ġeo 4d	Ġeo 4d		Ġeo 4d	Ġeo 4d	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 4		Ġeo 2	Ġeo 2	
F'impriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3				
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3				
Bejn impriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3				
a. Titoli ta' ekwità						
Ishma kkwotati						
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
Ishma mhux ikkwotati u ekwità oħra						
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
b. Ishma ta' fondi ta' investiment	Ġeo 2	Ġeo 2				
li minnhom: investiment mill-ġdid ta' qligħ	Ġeo 1	Ġeo 1				
Strumenti ta' dejn	Ġeo 4	Ġeo 4		Ġeo 2	Ġeo 2	
F'impriżi ta' investiment dirett	Ġeo 3	Ġeo 3				
F'investitur dirett (investiment bil-maqlub)	Ġeo 3	Ġeo 3				
Bejn impriżi sħab	Ġeo 3	Ġeo 3				

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett	Subsett pubblikabbli		
				Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Titoli ta' dejn						
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
Self						
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
Krediti u avvanzi kummerċjali						
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
Strumenti ta' dejn oħrajn						
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2				
Investiment tal-portafoll	Ġeo 4d	Ġeo 1		Ġeo 4d	Ġeo 1	
Ekwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4	Ġeo 1		Ġeo 2	Ġeo 1	
Titoli ta' ekwità	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 3	Ġeo 1				
Ishma kkwotati	Ġeo 2	Ġeo 1				
Ishma mhux ikkwotati	Ġeo 2	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Ishma kkwotati				Ġeo 1	Ġeo 1	
Ishma mhux ikkwotati				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent kontroparti (Sec 2)						
Ishma kkwotati	Ġeo 2					
Ishma mhux ikkwotati	Ġeo 2					

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett	Subsett pubblikabbli		
				Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Ishma ta' fond ta' investiment	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2					
Li minnhom: investiment mill-ġdid ta' qliegħ	Ġeo 1	Ġeo 1				
Titoli ta' dejn	Ġeo 2	Ġeo 1		Ġeo 2	Ġeo 1	
Żmien qasir	Ġeo 4	Ġeo 1		Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2					
Żmien twil	Ġeo 4	Ġeo 1		Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent kontroparti (Settur 2)	Ġeo 2					
Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati			Ġeo 1			Ġeo 1
Skont is-settur residenti (Settur 2)			Ġeo 3			
Investiment ieħor	Ġeo 4	Ġeo 4		Ġeo 4d	Ġeo 4d	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Ekwità oħra	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 3				

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett	Subsett pubblikabbli		
				Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Munita u depożiti	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2	
Li minnhom: munita euro	Ġeo 1	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3				
Li minnhom: pretensjonijiet/obbligazzjonijiet tekniċi intra-Ewrosistema	Ġeo 1	Ġeo 1				
Żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3				
Skont is-settur residenti (Settur 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Żmien qasir				Ġeo 1	Ġeo 1	
Żmien twil				Ġeo 1	Ġeo 1	
Self	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Sec 2)						
Żmien qasir	Ġeo 3, FMI	Ġeo 3, FMI				
Żmien twil	Ġeo 3, FMI	Ġeo 3, FMI				
Skont is-settur residenti (Sec 2)				Ġeo 1	Ġeo 1	
Żmien qasir				Ġeo 1	Ġeo 1	
Żmien twil				Ġeo 1	Ġeo 1	
Assigurazzjoni, skemi ta' pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzati	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 3				
Krediti u avvanzi kummerċjali	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3				

	Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett	Subsett pubblikabbli		
				Akkwist nett ta' assi finanzjarji	Espożizzjoni netta għal obbligazzjonijiet	Nett
Żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3				
<i>Li minnhom:</i> Korporazzjonijiet mhux finanzjarji				Ġeo 1	Ġeo 1	
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)						
Żmien qasir	Ġeo 3	Ġeo 3				
Żmien twil	Ġeo 3	Ġeo 3				
SDRs		Ġeo 1			Ġeo 1	
Assi ta' riżerva	Ġeo 3			Ġeo 1		
4. Entrati saldatorji						
Bilanċ fuq prodotti u servizzi			Ġeo 4			Ġeo 4d
Bilanċ tal-kont kurrenti			Ġeo 1			Ġeo 1
Għoti ta' self nett (+)/teħid ta' self nett (-) (bilanċ minn kont kurrenti u kapitali)			Ġeo 1			Ġeo 1
Self nett (+)/teħid ta' self nett (-) (minn kont finanzjarju)			Ġeo 1			Ġeo 1
Żbalji u omissjonijiet netti			Ġeo 1			Ġeo 1
5. Partiti tal-memo						
Investiment dirett (prinċipju direzzjonali estiż)	'Il Barra	'Il Ġewwa		'Il Barra	'Il Ġewwa	
Dħul mill-investment	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	
Tranżazzjonijiet finanzjarji	Ġeo 1	Ġeo 1		Ġeo 1	Ġeo 1	

(¹) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fl-Anness III.

(²) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiċi meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.

(³) Id-dettalji tar-rendikonti istituzzjonali meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 8.

(⁴) Inklużi tranżazzjonijiet netti (akkwisti netti ta' assi finanzjarji bit-tnaqqis taat-tiġrib ta' obbligazzjonijiet nett) f'derivattivi finanzjarji".

(b) It-Tabella 2 A hija mħassra;

(c) It-Tabella 4 hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 4

Pożizzjoni ta' investment internazzjonali trimestrali

	Assi (lil barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	“Subsett pubblikabli”		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
1. Kont finanzjarju ⁽¹⁾	Ġeo 2 ⁽²⁾			Ġeo 1				Ġeo 2	Ġeo 1	Geo1 ⁽⁵⁾
Investiment dirett	Ġeo 4d			Ġeo 4d				Ġeo 4d	Ġeo 4d	
Skont is-settur residenti (Sec 2) ⁽³⁾	Ġeo 1			Ġeo 1				Ġeo 1	Ġeo 1	
Ekwità u ishma f'fond ta' investment	Ġeo 4			Ġeo 4				Ġeo 2	Ġeo 2	
F'impriżi ta' investment dirett	Ġeo 2			Ġeo 2						
F'investitur dirett (investment bil-maqlub)	Ġeo 2			Ġeo 2						
Bejn impriżi sħab	Ġeo 2			Ġeo 2						
a. Titoli ta' ekwità										
Ishma kkwotati										
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2				
Ishma mhux ikkwotati u ekwità oħra										
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2				
b. Ishma ta' fondi ta' investment	Ġeo 2			Ġeo 2						
Strumenti ta' dejn	Ġeo 4			Ġeo 4				Ġeo 2	Ġeo 2	
F'impriżi ta' investment dirett	Ġeo 2			Ġeo 2						

	Assi (/il barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabbli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
F'investitur dirett (investment bil-maqlub)	Ġeo 2			Ġeo 2						
Bejn impriżi sħab	Ġeo 2			Ġeo 2						
Titoli ta' dejn										
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2				
Self										
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2					
Kreditu tal-kummerċ										
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2					
Strumenti ta' dejn oħrajn										
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2				
Investiment tal-portafoll	Ġeo 4d			Ġeo 1				Ġeo 4d	Ġeo 1	
Ekwiwità u ishma f'fond ta' investiment	Ġeo 4			Ġeo 1				Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1) (†)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Titoli ta' ekwiwità	Ġeo 1			Ġeo 1				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3			Ġeo 1						
Ishma ikkwotati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1				
Ishma mhux ikkwotati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1				

	Assi (l' il barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabbli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
Skont is-settur residenti (Sec 2)								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Sec 2)										
Ishma kkwotati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2							
Ishma mhux ikkwotati	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2							
Ishma ta' fond ta' investiment	Ġeo 1			Ġeo 1				Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2)								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent tal-kontroparti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2							
Titoli ta' dejn	Ġeo 2			Ġeo 1				Ġeo 2	Ġeo 1	
Żmien qasir	Ġeo 4			Ġeo 1				Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 3	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1				
Skont is-settur residenti (Sec 2d)								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent kontroparti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2							
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 2			Ġeo 1						
Żmien twil	Ġeo 4			Ġeo 1				Ġeo 2	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)	Ġeo 3	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1				
B'fidi dovut fi żmien sena jew inqas				Ġeo 1						

	Assi (/il barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
B'fidi dovut fi żmien aktar minn sena				Ġeo 1						
Skont is-settur residenti (Sec 2d)								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur tal-emittent kontroparti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2							
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 2			Ġeo 1						
Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati	Ġeo 4			Ġeo 4			Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1	Ġeo 1
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2			Ġeo 2			Ġeo 2			
Skont is-settur residenti (Sec 2)										Ġeo 1
Investiment ieħor	Ġeo 4			Ġeo 4				Ġeo 4d	Ġeo 4d	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 2				
Skont is-settur residenti (Sec 2d)								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Ekwiżità oħra	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 2			Ġeo 2						
Munita u depożiti	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2			Ġeo 2	Ġeo 2	
Li minnho munita euro	Ġeo 1			Ġeo 1						

	Assi (/il barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabbli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
Skont is-settur residenti (Sec 2)										
Żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3						
Li minnhom: pretensjonijiet/obbligazzjonijiet tekniċi intra-Ewrosistema	Ġeo 1			Ġeo 1						
Żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3						
Skont is-settur residenti (Sec 2)							Ġeo 1	Ġeo 1		
Żmien qasir							Ġeo 1	Ġeo 1		
Żmien twil							Ġeo 1	Ġeo 1		
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Self	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 2	Ġeo 2		
Skont is-settur residenti (Settur 2)										
Żmien qasir	Ġeo 3, FMI			Ġeo 3, FMI						
Żmien twil	Ġeo 3, FMI			Ġeo 3, FMI						
Skont is-settur residenti (Sec 2)							Ġeo 1	Ġeo 1		
Żmien qasir							Ġeo 1	Ġeo 1		
Żmien twil							Ġeo 1	Ġeo 1		
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 1			Ġeo 1						

	Assi (/il barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabbli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
Assigurazzjoni, skemi ta' pensjoni, u skemi ta' garanzija standardizzati	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 2	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 2		Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Sec 2)	Ġeo 3			Ġeo 3						
Kreditu u avvanzi kummerċjali	Ġeo 4	Ġeo 2		Ġeo 4	Ġeo 2			Ġeo 2	Ġeo 2	
Skont is-settur residenti (Sec 2)										
Żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3						
Żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3						
Li minnhom: korporazzjonijiet mhux finanzjarji								Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli	Ġeo 1	Ġeo 2		Ġeo 1	Ġeo 2			Ġeo 1	Ġeo 1	
Skont is-settur residenti (Settur 2)										
Żmien qasir	Ġeo 3			Ġeo 3						
Żmien twil	Ġeo 3			Ġeo 3						
SDRs				Ġeo 1	Ġeo 1				Ġeo 1	
2. Partiti tal-memo										
Kont finanzjarju totali (għajr għal assi ta' riżerva u derivattivi finanzjarji u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati)										
Skont il-munita tad-denominazzjoni (Cur 1)										
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFMi)	Ġeo 1			Ġeo 1						

	Assi (lil barra)			Obbligazzjonijiet (il ġewwa)			Nett	"Subsett pubblikabli"		
								Pożizzjonijiet		
	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Pożizzjonijiet	Rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdilfir-rata tal-kambju	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Rivalutazzjonijiet mill-ġdid dovuti għal bidliet oħrajn fil-prezzijiet	Assi	Obbligazzjonijiet	Nett
Gvern ġenerali	Ġeo 1			Ġeo 1						
Setturi oħrajn	Ġeo 1			Ġeo 1						
Fondi ta' investimenti li mhumiex fondi tas-swieq tal-flus (MMF)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	Ġeo 1			Ġeo 1						
Istituzzjonijiet finanzjarji oħra	Ġeo 1			Ġeo 1						
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Ġeo 1			Ġeo 1						
Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs)	Ġeo 1			Ġeo 1						
Dejn estern										
Dejn estern gross										
Skont is-settur residenti (Sec 2d)				Ġeo 1					Ġeo 1	
Dejn estern nett										
Skont is-settur residenti (Sec 2d)				Ġeo 1					Ġeo 1	
Investiment dirett (prinċipju direzzjonali estiż)	Ġeo 1			Ġeo 1				Ġeo 1	Ġeo 1	

(1) Kunċetti u definizzjonijiet ta' partiti magħżula huma speċifikati fl-Anness III.

(2) Id-dettalji tar-rendikonti ġeografiki meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 7.

(3) Id-dettalji tar-rendikonti tas-settur istituzzjonali meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 8.

(4) Id-dettalji tar-rendikonti tal-munita tad-denominazzjoni meħtieġa huma speċifikati fit-Tabella 9.

(5) Id-dettal huwa wkoll parti mir-rewkwizit sħiħ."

(d) It-Tabella 4 A hija mħassra;

(e) It-Tabella 7 hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 7

Tqassim ġeografiku

Ġeo 0	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 3	Ġeo 4	Ġeo 4d
Domestiċi + il-bqija tad-dinja	Il-kumplament tad-dinja	Il-kumplament tad-dinja	Il-kumplament tad-dinja	Il-kumplament tad-dinja	Il-kumplament tad-dinja
		Fiż-żona tal-euro	Fiż-żona tal-euro	Fiż-żona tal-euro	Fiż-żona tal-euro
		Barra miż-żona tal-euro	Barra miż-żona tal-euro	Barra miż-żona tal-euro	Barra miż-żona tal-euro
			Fl-Unjoni	Fl-Unjoni	Fl-Unjoni
			Barra mill-Unjoni	Barra mill-Unjoni	Barra mill-Unjoni
				Stati Membri individwali, il-BĊE u l-Mekkanzmu Ewropew għall-Istabbiltà (MES)	Pajjiżi tal-G-20 (barra miż-żona tal-euro)
				Ċentri finanzjarji offshore	Li minnhom: Ir-Renju Unit
				Li minnhom: Hong Kong	Li minnhom: L-Istati Uniti”
				Istituzzjonijiet tal-Unjoni (ħlief għall-BĊE u l-MES)	
				Li minnhom: Il-Bank Ewropew tal-Investment	
				Organizzazzjonijiet internazzjonali (ħlief għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni)	
				Li minnhom: FMI	
				Pajjiżi tal-G-20 (barra miż-żona tal-euro)	
				L-Arġentina	
				L-Awstralja	
				Il-Brażil	
				Il-Kanada	
				Iċ-Ċina	
				L-Indja	
				L-Indoneżja	
				Il-Ġappun	

Ġeo 0	Ġeo 1	Ġeo 2	Ġeo 3	Ġeo 4	Ġeo 4d
				Il-Messiku Il-Federazzjoni Russa L-Arabja Sawdita L-Afrika ta' Isfel Il-Korea ta' Isfel It-Turkija Ir-Renju Unit L-Istati Uniti In-Norveġja L-Isvizzera	

(f) It-Tabella 8 hija ssostitwita b'dan li ġej:

“Tabella 8

Rendikonti skont is-settur

Sec 1	Sec 2	Sec 2d	Sec 2r
Ekonomija totali Bank ċentrali IFMi oħrajn Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti hliief għall-bank ċentrali MMFs Gvern ġenerali Setturi oħrajn	Ekonomija totali Bank ċentrali IFMi oħrajn Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti hliief għall-bank ċentrali MMFs Gvern ġenerali Setturi oħrajn Fondi ta' investiment li mhumiex MMF Kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni Istituzzjonijiet finanzjarji oħra Korporazzjonijiet mhux finanzjarji Unitajiet domestiċi u NPISHs	Ekonomija totali Bank ċentrali IFMi oħrajn Gvern ġenerali Setturi oħrajn <i>Li minnhom:</i> Fondi ta' investiment li mhumiex MMF Kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni Istituzzjonijiet finanzjarji oħra Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Ekonomija totali Bank ċentrali IFMi oħrajn Gvern ġenerali Setturi oħrajn”

(g) Tizzied it-Tabella 9 li ġejja:

“Tabella 9

Rendikont tal-munita ta’ denominazzjoni

Cur 1

Euro

Dollaru Amerikan

Yen Ġappuniż

Muniti oħrajn”
